Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 504/2015

Il-Pulizja

Spettur Trevor Micallef

Vs

Ali Ibrahim Wadi

Illum id-29 ta' Novembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ali Ibrahim Wadi detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 118287A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Gunju, 2014 ghal xi hamsa u nofs ta' filghodu gewwa San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. **Ikkommetta serq ta' handbag li kien fih kartiera vojta, fwieha tad-ditta Pupa u hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin ghad-detriment ta' Ramona Florenti u/jew persuni ohra.**

2. **Talli fil-21 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tal-04:45 ikkommetta ħarba sempliċi waqt li kien fil-kustodja ta' persuni inkarigati mill-kustodja tiegħu;**

3. **Talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi irrifjuta li jagħti jew ta' falz, lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jagħmel id-dmirijiet tiegħu ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikolaritajiet oħra;**

4. **Talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal- Liġijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.**

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti sabet lil Ali Ibrahim Wadi ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 17(b)(d), 31, 151, 160, 261(f), 270, 281(a), 338(c) u 533 tal-Kodiċi Kriminali nonche l-Artikoli 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292 tal-1939 u ikkundannatu għall-piena ta' tnax il-xahar priġunerija flimkien ma' multa komplessiva fl-ammont ta' elf euro (€1000).

Inoltre il-Qorti bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-eżibiti f'dan il-każ.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ali Ibrahim Wadi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

Tirrevoka s-sentenza appellata billi:

1. Filwaqt li tikkonferma kwantu s-sejbien ta' htija a tenur tat-tieni u r-raba' imputazzjoni;
2. Thassarha in kwantu s-sejbien ta' htija a tenur tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u tghaddi sabiex timponi piena aktar ekwa u gusta ghall kaz odjern.

3. U fl-eventwalita' li tikkonferma l-htija skont kif konfermat mill-Ewwel Onorabbli Qorti li tvarja l-piena ghal wahda aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti datata t-28 ta' Ġunju 2017 fejn wara li l-Qorti ssollevat *ex officio* n-nullita tar-rikors tal-appell intavolat, u wara li rat n-noti u r-risposti ppreżentati mill-partijiet fid-dawl ta' din l-pregudizzjali, il-Qorti kkonkludiet illi r-rikors tal-appell huwa wieħed validu u għaldaqstant ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-appell.

Rat illi l-aggravji tal-Appellant Ali Ibrahim Wadi huma s-segwenti w cioe':-

<u>A. Aggravju dwar in-nuqqas ta' kredibbilita' tal-allegat vittima.</u>

Fil-kaz in ezami l-Ewwel Onorabbli Qorfi sahqet li a bazi u a tenur tal-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali, moqri u mehud fid-dawl tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, l-imsemmija kwerelanta Ramona Florentina Cuca kienet kredibbli u li ghaldaqstant il-kaz tal-prosekuzzjoni kien ippruvat skont il-ligi ossia sal-grad tac-certezza morali.

Fil-kaz odjern, il-prova principali hija x-xhieda tal-istess persuna li kienet qeghda tallega htija fuq l-esponenti, u ghalkemm dan huwa ai termini tal-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wiehed ma jistax ma jsemmix punti validi fir-rigward tal-kredibilità ta' din ix-xhieda;

a.i. Nuqqas ta' rapport dwar l-allegata serqa

Fil-kaz odjern, meta jigi ikkumparat ma kazijiet simili ta' dan it-tip, jispikka l-fatt illi il-vittma baqghet ma rrapurtatx is-serqa sakemm ma rat lill-esponenti gewwa l-post fejn hija tahdem.

Legalment u ragjonevolment, jistqasi l-esponenti, tali agir da parti ta' Cuca, huwa normali illi f'sitwazzjoni bhal din, meta persuna tishaq dwar il-biza taghha ghal sahhitha ma tfittixx l-ghajnuna u l-protezzjoni immedjata tal-Pulizija? U dan sabiex tirkupra dak li tkun tilfet u anke sahansitra biex hija stess tassigura li din is-sitwazzjoni ma tergax issehh, la lilha u lanqas lil haddiehor.

Ma qalet lil hadd, la lil tal-familja, la lil hbieb u lanqas lil Pulizija. Ghandu mis-sewwa dan l-agir? L-esponenti jishaqq li le ma ghandux mis-sewwa.

a.ii. Verzjoni differenti dwar il-lok tal-malvivent

Ghandha tigi mfakkra dina l-Onorabbli Qorti li skont dak li x-xhud rraportat lil PS 1543 folio 34, skont din ix-xhud il-malvivent kien qieghed jistenniha fil-komun! Verzjoni din diametrikament l-oppost ta' dak li hija sahqet fil-Qorti.

a.iii. Nuqqas ta' kredibilità fir-rigward tal-konvinzjoni tax-xhud

Intimament konness ma' l-ewwel sub-aggravju jehtieg li ssir evalwazzjoni tal-attendibilità tax-xhud in konnessjoni mal-identifikazzjoni tal-esponenti.

Ix-xhud sahqet il-konvinzjoni taghha li kien l-esponenti li seraqha, qalhet li gharrfitu minn wiccu u li fil-jum tas-serqa huwa kien minghajr lehja.

Tenut kont ta' dak li jiddisponi l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, legalment u ragjonevolment, jistaqsi l-esponenti, kif tista' qatt titwemmen din ix-xhud tenut kont tal-fatt li din ix-xhud tahdem f'lap dance night club gewwa Paceville, fejn aktarx iva milli le l-maggor parti tal-klijenti ii jzuru dan l-istabbiliment huma rgiel, u li certament fosthom jinkludu rgiel ta' nazzjonalita` Libjana, li hija gharrfet lill-esponenti?

Ghandu jittqies li l-esponenti ma ghandux xi karatteristici partikolari li jghinuh jispikka f'nofs il-folla, izda huwa persuna ta' nazzjonalità Libjana tipiku.

Legalment u ragjonevolment li l-esponenti thawditu ma' terz hija ferm verosimili u li in segwitu ta' tali identifikazzjoni zbaljata x-xhud baqghet temmen li huwa l-esponenti l-malviventi leading to a false positive.

Ghandu jitqies li din ix-xhud ix-xoghol proprju taghha huwa li tkellem l-akbar numru ta' rgiel parruccana tal-istabbiliment fejn tahdem fl-istess lejl. Aktar ma "tkellem" irgiel, akbar il-qliegh taghha. Din l-Onorabbli Qorti ghandha taghmel distinzjoni bejn dak li l-vittma hi konvinta minnu u dik li hija l-verita`, liema verita ghandha tkun ibbazata fuq fatti. Fil-kaz odjern, ghajr ic-certezza li qed tinsisti l-vittma, ma hemm ebda prova ohra biex titfa htija minghajr ebda dubbju ragjonevoli fuq l-esponenti.

L-Ewwel Onorabbli Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-vittma tat deskrizzjoni cara tal-oggetti li kellha fil-basket, li kienu ta valur minimu, bhala konferma li l-vittma ma kinitx qeghda tipprova tapprofitta ruhha mill-imputat; b' kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, id-deskrizzjoni cara tal-oggetti misruqa tal-vittma kapaci jikkonfermaw li s-serqa sehhet, izda l-ghan ta' dan l-appell m' huwiex biex jidhol fil-mertu ta' jekk saritx serqa jew le. L-ghan ta' dan l-appell huwa biex jitfa' dawl fuq il-fatt illi dan il-punt wahdu ma jistax jinghadd bhala ghajnuna biex jinkrimina lil imputat tas-serqa.

a.iv. Kredibilita mhix ikkunsidrata fir-rigward tal-esponenti

F' kaz fejn minhabba nuqqas ta' evidenza l-Qorti jkollha sserrah fuq ix-xhieda moghtija ai termini 638(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghzel li temmen dik ix-xhieda li tkun l-izjed kredibbli. L-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li ma temminx il-verzjoni tax-xhieda tal-esponenti, minhabba xi inkonsistenzi li ma ghenux biex isahhu l-konvinzjoni morali tal-istess Onorabbli Qorti.

L-ghan ta' dan l-appell huwa biex jitfa' lenti fuq xi punti li jsahhu l-kredibilita` tal-esponenti li l-Ewwel Onorabbli Qorti, b' kull rispett, ma kkunsidratx jew anzi ikkunsidrathom bhala nuqqas ta' kredibilita' tax-xhieda tal-esponenti.

Jishaqq l-esponenti li l-fattur wahdu li l-fedina penali tal-esponenti [misjuba a fol. 13] hija wahda netta, u allura ma ghandux 'track record' ta' serq jew ta' xi delitti ohrajn ma ttihditx u ma ntuzatx fl-gharbiel tal-provi.

Lanqas ma ttiehed in konsiderazzjoni li x-xhud tishaqq li hija tkellmet bl-ingliz ma' l-aggressur taghha u li l-esponenti ma huwiex kapaci jitkellem sia bil-malti u wisq anqas bl-ingliz! Kieku l-esponenti seta' u/jew kien kapaci jitkellem bl-ingliz, l-istqarrija tal-esponenti kienet tkun bl-ingliz u li l-proceduri penali odjerni kienu jsiru bl-ingliz a tenur u bis-sahha tal-Kap. 189 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-deliberazzjoni tal-htija, l-Ewwel Qorti, ikkummentat obiter illi:

"jekk verament kien innocenti kif jipprofessa li hu, ghaliex hass il-htiega li jahrab mill-kustodja tal-Pulizija, minflok ma jaghti lok li jispjega u jikkjarifika l-innocenza tieghu mal-ispettur tal-Pulizija, li dak il-hin kien ghadu ma kelmux?".

Jidher li l-Ewwel Qorti naqset milli tgharaf kif fuq il-persuna tal-esponenti kienet hemm zewg pakketti ta' cannabis. Ghandek persuna estera li ghada kif giet arrestata bla kliem u bla sliem u li fuq il-persuna taghha fil-mument tal-arrest hemm sustanza illegali, legalment u ragjonevolment, x'jaghmel persuna dak il-hin mahnuq mil-paniku tas-sitwazzjoni?

Dak li qedha tishaqq fuqu l-Ewwel Qorti ma ghandux bazi tenut kont tal-fatt li mal-arrest tieghu, anke jekk ghal grazzja tal-argument l-esponenti gie infurmat dwar ir-raguni tal-arrest tieghu, l-esponenti ma kellux il-fakulta ta' interpretu u ghaldaqstant zgur li huwa haseb li kienet in konnessjoni ma' sustanza illegali. Li kieku huwa kien jaf li kienet in konnessjoni ma xi serqa, tenut kont li l-esponenti qatt ma seraq ma kienx jagixxi hekk u kien jibqa' fejn kien qieghed proprju to protest his innocence.

L-esponenti jidher li safa fl-izvantagg bhal ma jghid il-proverbju Ingliz "being at the wrong place at the wrong time". L-esponenti fuq il-pedana tax-xhieda ammetta htijietu [li jgibu maghhom piena ta' prigunerija] izda cahad dawk l-imputazzjonijiet li ma humiex attribwibbli lilu.

Lanqas dan il-fattur ma ttiehed in konsiderazzjoni mil-Ewwel Qorti.

B. Aggravju dwar iz-zmien tal-incident

Il-gurisprudenza hija kopjuza u konsistenti sia mil-lat tal-qrati penali u sia mil-lat tal-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali li l-jum tal-incident huwa krucjali sabiex tigi determinata htija.

Fil-kaz odjern, l-esponenti gie mixli li huwa s-serqa ghamilha fl-20 ta' Gunju 2014 u huwa hekk gie misjub hati.

Bir-rispett pero', l-esponenti jishaqq li l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell tal-prova minnha mistenni in konessjoni mal-ewwel imputazzjoni. Fil-bidu tad-deposizzjoni taghha l-esponenti tishaqq li bejn il-jum tas-serqa, u l-jum li gharrfitu kien hemm gurnata in between stante li kienet off duty - b'hekk il-jum tas-serqa jigi nhar id-l9 ta' Gunju 20l4 - fol 37.

Aktar il-quddiem fid-deposizzjoni taghha hija tishaqq li l-ghada tas-serqa ratu gewwa Paceville - b'hekk li l-jum tas-serqa jigi nhar l-20 ta' Gunju 20l4 - fol 42.

Aktar il-quddiem fid-deposizzjoni taghha hija tishaqq li ma tafx ezatt meta sehhet is-serqa, izda taf biss meta hija gharfitu! - fol 48. Legalment u ragjonevolment huwa dan il-metodu li bih jintlahaq il-livell tal-prova sal grad tac-certezza morali?

C. Aggravju in konnessjoni mat-tielet imputazzjoni

L-Ewwel Qorti sabet lill-esponenti hati tal-fatt migjub il-quddiem f'din it-tielet imputazzjoni ossia li huwa rrifjuta u/jew ta falz id-dettaiji tieghu.

Provi f'dan ir-rigward pero' ma ngabux il-quddiem. Il-kumment obiter tal-Ewwel Qorti: "Jirrizulta wkoll ippruvat mill-provi prodotti li l-imputat ikkommetta r-reati imsemmija fit-tielet imputazzjoni", ma jsib konfort fl-ebda prova.

Ma huwiex mifhum a bazi ta' xhiex u ta' liema provi, l-esponenti nstab hati.

D. Aggravju dwar il-piena

Tenut kont tal-fatt li l-esponenti huwa a first time-offender, tenut kont tal-fatt li l-esponenti ma ghandu l-ebda procediment penali kontra tieghu, tenut kont tal-fatt li l-esponenti dejjem obda l-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fuqu mposti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-esponenti jemmen li l-piena fuqu mposta setghet kienet aktar miti.

Ikkunsidrat,

Illi permezz tal-appell minnu ventilat, l-appellant mhux qed jikkontesta s-sejbien ta' ħtija ghat-tieni u r-raba imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fejn gie addebitat bir-reat tal-harba mill-kustodja tal-pulizija u dak marbut mal-pussess tad-droga fit-

termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, izda qed jikkontesta l-konkluzjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti meta sabitu hati tar-reat tas-serq u tal-offiza ta' natura kontravvenzjonali meta jigi akkuzat li naqas milli jaghti id-dettalji tieghu lill-pulizija. L-aggravju ewlieni minnu imqanqal huwa marbut essenzjalment mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta din ghogobha taghti affidament lil verzjoni moghtija mill-vittma u l-identifikazzjoni minnha maghmula tal-appellant bhala l-aggressur taghha.

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali, iccitat mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[2]. Huwa fuq dan il-principju li l-Ewwel Qorti sejset l-apprezzament minna maghmul.

Illi ai fini tat-test tal-kredibbilta`, l-Ewwel Qorti giet iggwidata minn dak li jiddisponi l-artikolu 637 li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'.

Illi imbaghad meta jkun jirrizulta kunflitt fil-provi, dan ma iwassalx necessarjament ghal liberatorja tal-persuna akkuzata u dan ghaliex:[3]

> **'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux'.**

Illi allura din il-Qorti ezaminat l-atti mill-gdid sabiex tqies jekk l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi, kienx wiehed legalment u ragjonevolment fondat.

---

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

[3] Il-Pulizija vs Joseph Thorne deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

Ikkunsidrat,

Illi skont il-provi prodotti jidher illi nhar il-21 ta' Ġunju 2014 l-pulizija tal-għassa ta' San Ġiljan irċevew rapport mingħand Ramona Florentina Ciuca li allegat li fil-jum preċedenti għall-ħabta tal-5:30 ta' filgħodu, persuna mhux magħrufa kien ħatfilha l-*handbag* filwaqt li hi kienet fil-parti komuni tal-blokka tal-appartament fejn tabita u ċioe fl-indirizz Quenne's Gate Flat 12, Mensija Street, San Ġiljan, fejn il-malvivent wara ħarab bil-baskett tagħha minn fuq il-post. Hi spjegat li l-baskett kien imitazzjoni tad-ditta Luis Viton u li ġo fih kellha xi effetti personali iżda xejn ta' valur. Il-kwerelanta żiedet tgħid illi dakinhar tar-rapport, u ċioe l-għada tas-serqa, filwaqt li kienet xogħol fl-istabbiliment White Palace, hi għarfet lill-malvivent li allegatament serqilha l-baskett u hi nfurmat lill-pulizija ġewwa Paceville dwar dan il-fatt. Infatti l-pulizija arrestaw lil dan l-individwu fejn ittieħed l-għassa sabiex jiġi investigat. Matul it-tfittxija li saritlu instabu xi flejjes ammonti għal total ta' €700 kif ukoll numru ta' qratas zgħar tal-plastik fejn fi tnejn minnhom instabu tracci tad-droga kannabis. Dan ġie kkonfermat mir-rapport tal-Ispizjar Godwin Sammut li rrediġa rapport wara li analizza dawn il-qratas u fejn filfatt kkonferma li kien hemm it-tracċi tal-pjanta kannabis fi tnejn mill-qratas li nstabu fuq il-persuna tal-appellant[4].

Irriżulta wkoll mill-provi prodotti, senjatament mix-xiehda tal-ispettur Trevor Micallef illi meta tkellem mal-appellant inizjalment hu ma kkooperax mal-pulizija fis-sens illi ma riedx jaghtihom id-dettalji personali tiegħu, apparti li rrifjuta li jigu elevati l-impronti diġitali wkoll[5]. In oltre skont dak li xehdu l-pulizija involuti fl-arrest tiegħu kif fetħu l-vann tal-pulizija meta l-appellant wasal l-għassa ta' San Ġiljan u kien qed jigi skortat sabiex jiġi mitkellem mill-Ispettur tal-pulizija, hu ħarab mill-kustodja tal-pulizija filwaqt li kien għadu immanettjat u wara insegwiment minn PC 1516 Vince Cutajar u PC1378 Anthony Farrugia hu nqabad u reġa ġie arrestat fejn ittieħed l-għassa għall-aktar stħarriġ[6].

---

[4] Dok GS1 a folio 108 u eżebit nhar il-5 ta' Diċembru 2014.

[55] Saret ukoll referenza għal dan il-fatt mix-xhud PS430 Andrew St. John li madankollu ma kienx preżenti fil-mument tal-arrest u dan skont kif xehed a folio 26 et seq tal-atti proċesswali.

[6] Folio 70 tal-atti proċesswali.

Mill-istqarrija rrilaxxata mill-imputat nhar il-21 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tad-9:40am hu ċaħad l-allegazzjonijiet kontrih u saħaq ukoll li l-qratas li nstabu fil-pussess tiegħu, kien akkwisthom sabiex iqassam il-felfel li fadallu ma sħabu[7]. Madankollu meta l-imputat xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti hu ammetta li kellu l-pussess sempliċi tad-droga kannabis filwaqt li baqa' jisħaqq l-innoċenza tiegħu dwar s-serqa[8].

Mill-banda l-oħra l-parte ċivile li tat id-deposizzjoni tagħha bil-lingwa Ingliża matul is-seduta datata l-1 ta' Lulju 2014, tikkonferma ripetutament u b'ċertezza assoluta l-identita' tal-appellant bħala l-persuna li serqilha l-baskett filwaqt li kienet fil-komun tal-blokka appartamenti fejn toqgħod u dan fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu filwaqt li kienet dieħla d-dar wara x-xogħol. Hi tisħaqq li kien qed isegwiha u daħal warajha fil-komun minn bieb aċċessibbli mit-triq u kif ġiet biex tidħol fl-appartament tagħha saqsietu jekk jgħix fl-istess blokka fejn hu wieġeb fil-posittiv u f'liema mument kien hemm dawl fuqhom fejn setgħet tara l-fattizzi ta' wiċċu sew. Jidher li hemmhekk l-appellant allegatament aggredieha sabiex jisirqilha l-basket li filfatt irnexxielu jagħmel b'suċċess. Hi tikkonferma li m'għamlitx rapport mill-ewwel iżda ddeċidiet tirrapurtaħ meta l-għada ratu fl-istabbiliment White Palace fejn taħdem, f'liema mument infurmat lis-*security* u fejn konsegwentement l-appellant inħareġ 'il barra mill-istabbiliment u ttieħed għand il-pulizija sabiex jiġi arrestat fuq l-informazzjoni moghtija minn Ciuca[9].

Ikkunsidrat

Illi kif inghad, fl-aggravju ewlieni imqanqal mill-appellant huwa jikkontesta l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta din tat affidament lill-verzjoni tal-vittma li kienet l-uniku xhud imressaq mill-prosekuzzjoni dwar ir-reat tas-serq addebitat lill-appellant fl-ewwel imputazzjoni. L-ebda provi indizzjarji ma isahhu u jikkorobboraw din il-verzjoni sabiex allura ghar-risoluzzjoni tal-vertenza l-Ewwel Qorti kellha necessarjament tizen il-verzjoni tal-vittma ma' dik tal-appellant

[7] Folio 10 tal-atti proċesswali.
[8] Folio 120 tal-atti proċesswali.
[9] Folio 36 et seq tal-atti proċesswali.

sabiex tara jekk fid-diskrezzjoni taghha setatx temmen verzjoni wahda a skapitu ta' l-ohra, jew inkella jekk dawn iz-zewg verzjonijiet kenux joholqu kunflitt tali li ma setatx tasal sal-konvinciment morali ghas-sejbien ta' htija.

Issa l-appellant jishaq illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tistrieh fuq il-verzjoni tal-vittma stante illi r-rapport gie maghmul minnha l-ghada tal-incident u mhux hekk kif giet derubata u li l-identifikazzjoni minnha maghmula tal-appellant bhala il-malvivent li kien aggredieha u serqilha l-baskett ma kenitx wahda b'sahhitha tenut kont li fil-kors tax-xoghol taghha bhala *lap dancer* hija tiltaqa' ma diversi irgiel anke ta' nazzjonalita libjana fejn il-fattizzi taghhom ikunu simili ghal dawk tal-appellant li huwa bniedem tipiku libjan. Mhux biss izda jishaq illi l-Ewwel Qorti malament qieset li l-appellant kien hati tas-serqa u dan ghaliex harab mill-kustodja tal-pulizija mal-arrest tieghu. Dan sehh ghaliex huwa kellu fuqu id-droga u allura beza' minhabba f'din ir-raguni u mhux ghax kien involut fis-serqa.

Illi din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti processwali b'mod partikolari il-verzjonijiet moghtija mill-parti leza u mill-appellant, ghalkemm ma kellhiex ix-xorti bhall-Ewwel Qorti qabilha li teżamina x-xhieda *viva voce*. Apparti r-raġunijiet imsemmija mill-Ewwel Qorti li qed jiġu kondiviżi minn din il-Qorti wkoll, jibda' biex jingħad illi l-vittma kienet konsistenti dwar l-identita' tal-appellant bħala l-persuna li kkometta s-serq u fit-testimonjanza taghha spjegat ukoll għalfejn kienet ċerta mill-identita' tiegħu. Issemmi l-fatt, fost oħrajn, li hi kienet indirizzat lill-appellant meta nnutatu fil-komun tal-blokka tal-appartamenti tagħha fejn allavolja kien għadu ma sebaħx, kien hemm id-dawl u setgħet taralu wiċċu sew. Jidher ukoll illi l-malivivent gie wicc'imb wicc mal-vittma meta hadilha il-baskett minn idejha. Ma jirrizultax illi kien hemm xi haga li setghet b'xi mod tostakola l-identifikazzjoni maghmula mill-vittma, bhal per ezempju jekk l-agressur kien mghammad. Dan ifisser li l-parti leza setghet tosserva lill-aggressur taghha minghajr l-ebda diffikulta. Mhux biss izda din l-identfikazzjoni saret l-ghada stess u mhux zmien wara u allura ma jistax jinghad illi kien hemm xi trapass twil taz-zmien li seta' iwassalha tfixxkel l-aggressur taghha ma' persuna ohra. Illi din il-Qorti tqies illi l-argument imqanqal mill-appellant illi

huwa bniedem tipiku libjan u allura l-parti leza setghet fixxklitu ma' haddiehor, iktar u iktar ghaliex hija tiltaqa' ma hafna irgiel fil-kors tax-xoghol taghha, huwa bir-rispett kollu argument frivolu u mhux sorrett bil-provi.

Illi l-qrati dejjem segwew ir-regoli mfassla fil-kawza **Regina vs Turnbull** fl-Ingilterra, li ghalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, iservu bhala linji gwida fil-kaz tal-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata.

> ***"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.***
>
> ***Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.***
>
> ***Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.***
>
> ***All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger***

*of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger*[10]*."*

Illi mix-xiehda tal-parti leza, kif inghad, jirrizulta illi hija kienet f'posizzjoni taghmel osservazzjoni tajba tal-fattizzi tal-aggressur taghha. Dan ghaliex l-lok fejn sehh id-delitt kien imdawwal, l-aggressur ma kienx mghammad, illi gie wicc'imb wicc' mal-vittma f'hin minnhom meta hatfilha il-baskett. Sahansitra l-vittma kellmet lill-aggressur taghha. L-identifikazzjoni saret l-ghada li sehhet l-aggressjoni, sabiex b'hekk meta dawn l-fatti probatorji jitqiesu kollha f'daqqha, dan ghandu iwassal lil min hu ismejjah biex jiggudika ghal konkluzjoni illi dik l-identifikazzjoni hija wahda b'sahhitha.

Stabbilit dan, il-fatt li Ciuca kienet tagħmel xogħol partikolari ġewwa stabbiliment iffrekwentat minn ħafna rġiel f'ebda mod ma tnaqqas il-kredibbilta' tax-xhud u b'ebda mod m'għandu jfisser illi hi setgħet ħawditu ma persuna oħra, liema ċirkostanzi nfatti lanqas biss ittieħdu minimament in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti, kif filfatt kellu jkun. In oltre l-fatt li l-vittma ma rraportatx imedjatament l-incident lill-pulizija, iżda stenniet sakemm reġgħet rat lill-appellant fl-istabbiliment tax-xogħol tagħha ma titqiesx minn dina l-Qorti bħala komportament li m'għandux mis-sewwa u dan in vista tal-fatt li kif joħroġ ċar mid-deposizzjoni tal-vittma, hi kienet aktar preokkupata u mbezza' minn dak li seta' jagħmillha l-appellant iktar minn dak li serqilha li kif ikkonċediet hi stess ma kienx ta' valur. Issa jidher ċar mill-mod kif xehdet u mill-preokkupazzjoni prinċipali tagħha li hi baqgħet issostni sa qabel ma niżlet mill-pedana tax-xhieda, li meta rat lill-appellant l-għada tas-serqa fl-istabbiliment fejn kienet qed taħdem, evidentement dik il-biża li kellha, avverrat ruħha. Dan ghaliex l-appellant mhux biss kien segwieha fil-lejl ta'qabel meta sehhet is-serqa, izda regghet sabitu ma' wiccha l-ghada. Dan wassalha biex tiddeciedi tirraporta dak li kien seħħ.

[10] **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** (deciza 16 ta' Lulju 1998)

Illi apparti minn hekk b'referenza għall-aggravju tal-appellant fir-rigward tal-ġurnata meta seħħet is-serqa fid-dawl ukoll ta' dak ippostulat fl-akkużi kif miġjuba, filwaqt li huwa minnu li tul it-testimonjanza tagħha Ciuca tindika f'xi mumenti allavolja mhux b'konvinzjoni, li s-serqa setgħet seħħet ġurnata jew anki jumejn qabel, din il-Qorti tagħmel referenza għall-PIRS[11] tal-pulizija li ġie eżebit in atti l-għada tal-inċident, liema informazzjoni ġiet ipprovduta lill-pulizija minn Ciuca fejn indikat mingħajr titubanza *a tempo vergine* li s-serqa seħħet fil-ġurnata ta' qabel u ċioe fl-20 ta' Gunju, kif indikat fl-akkuża. Dan ir-rapport ġie redatt l-għada tal-inċident fejn għaldaqstant il-memorja tal-vittma kienet ferm aktar friska minn meta xehdet ġimgħatejn wara.

Finalment għal dak li jirrigwarda l-verzjoni moghtija mill-appellant u l-punti mqajjmin minnu fl-appell in sostenn mal-kredibbilta' tiegħu, jingħad b'kull rispett illi indipendentement minn dak kollu indikat minnu, il-kontenut tad-deposizzjoni tiegħu għal dak li jirrigwarda l-fatti tal-każ u ċ-ċirkostanzi li allegatament seħħew dakinhar tal-arrest ma humiex verosimili, tant illi tul id-deposizzjoni tieghu jipprezenta ruhu bhala inkonsistenti u evasiv. Jidher li din l-inattendibbilta' ġiet innutata mill-Ewwel Qorti li għamlitlu serje ta' mistoqsijiet sabiex tiċċara dak li kien qed jintqal mill-appellant, iżda fejn fil-biċċa l-kbira baqgħet mingħajr risposta. L-appellant kien inkonsistenti fl-istess deposizzjoni tiegħu dwar jekk kienx jaf lill-vittma jew jekk kienx kellimha qabel dan l-inċident. L-appellant jghid ukoll li l-vittma titkellem bl-ingliz liema lingwa hu ma jifhimx u dan sabiex iwaqqa' l-verżjoni moghtija minn Ciuca. Madankollu meta hu jixhed jiddeskrivi ċirkostanzi fejn allegatament l-vittma ikkomunikat mieghu sabiex tistaqsih fejn kien sieħbu u wara li fehem din il-mistoqsija huwa weġibha li ma kienx jaf fejn kien, u wara talbitu joħroġ barra mill-istabbilitment, struzzjonijiet li hu reġa' fehem.

Ukoll, l-fatt li l-appellant għandu fedina penali netta ma tistax tiġi kkunsidrata ai fini ta responsabbilta' penali, jew kredibbilta' mill-ebda Qorti. Kwindi anki għal dak li jirrigwarda x-xiehda tal-imputat l-Ewwel Qorti għamlet eżerċizzju akkurat skont kif

[11] Folio 6 tal-atti proċesswali.

tiddetta l-liġi u kkonkludiet li d-deposizzjoni tiegħu ma kinitx waħda attendibbli u/jew li b'xi mod ixxekkel dik tal-vittma, konkluzjonijiet li huma wkoll kondiviżi minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-aggravji marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti qed jigu michud.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tat-tielet akkuża miġjuba kontra l-appellant, jibda biex jinghad illi l-Ewwel Qorti sabet htija ghal kontravvenzjoni mahsuba fl-artikolu 338(c) tal-Kodici Kriminali u mhux dik fis-sub-inciz (g), li t-tnejn li huma jitkellmu dwar in-nuqqas li jinghataw partikolaritajiet jew jinghataw foloz lil min inkarigat minn servizz pubbliku.

> **"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min minn barra l-persuni msemmijin fl-artikolu 62, f'każ ta' rvell jew hemm kbir, jew ta' reat maqbud fil-fatt jew ta' għagħa tan-nies, jirrifjuta, mingħajr raġuni tajba, jagħti l-għajnuna tiegħu, jew jirrifjuta jagħti tagħrif dwar dak li fuqu jiġi mistoqsi, jew jagħti tagħrif jew partikularitajiet foloz, lil min ikun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu."**

Illi fil-fehma tal-appellant ma nġabu l-ebda provi n sostenn ta' din l-akkuża u *ergo* ma jistax jifhem kif setghet tinstab ħtija fil-konfront tieghu. Inoltre fis-sottomissjonijiet magħmula quddiem din il-Qorti fl-istadju tar-reviżjoni, l-abbli difensur tal-appellant jikkontendi illi l-appellant kellu kull dritt ma iwegibx ghal mistoqsijiet lilu maghmula mill-pulizija u dan billi kien jinsab taht arrest u ghalhekk seta' jagħżel li ma jweġibx għal mistoqsijiet li kienu qegħdin isirulu.

Illi jibda biex jingħad illi mill-provi prodotti, partikolarment dak li xehed l-ispettur Trevor Micallef, jirriżulta s-segwenti:

**'Dan kont ħadtlu l-istqarrija bl-assistenza ta' l-interpretu dak in-nhar stess...kont ħadtlu stqarrija dak in-nhar stess fl-9:40 ta' filgħodu, tajtu s-solita twissija, kien hemm preżenti Nadia Lanzon bħala interpretu biex tassistini u PC908 George Grixti li ħadnielu stqarrija fejn kien għażel li ma jweġibx, u ma riedx jgħidli lanqas fejn kien joqgħod għax xtaqt nagħmillu tfittxija. Kont ħadtu wkoll għal fingerprints u għal fotografija imma dan lanqas biss ħallihom joħdulu l-fingerprints tiegħu[12]'.**

Issa b'referenza għall-istqarrija li ġiet inserita fl-atti[13] jidher li effettivament l-appellant wieġeb għall-mistoqsijiet lilu magħmula u fl-istqarrija m'hemmx indikazzjoni li l-Ispettur kellem lill-appellant qabel ir-rilaxx tal-istqarrija f'liema stadju ma wiġibx għall-informazzjoni mitluba minnu. In oltre meta wieħed jara l-partikularitajiet tal-appellant kif miktuba fl-istqarrija jidher li l-informazzjoni li tikkonċernaħ ġiet ipprovduta għajr għall-indirizz tiegħu fejn jidher ċar li r-residenza tiegħu ġiet indikata bħala x'imkien ta' Sliema', minghajr ma jaghti dettalji oħra.

Mill-banda l-oħra meta xehed PS430 Andrew St. John hu jagħti x'jifhem fix-xhieda tiegħu li apparti raġunijiet oħra, l-appellant kien ġie arrestat ġewwa Paceville meta hu naqas li jagħti l-partikolaritajiet tiegħu lill-pulizija u meta eventwalment tahom, dawn kienu foloz[14]. Madankollu dan ix-xhud ma kienx preżenti meta effettivament seħħ l-arrest li skont dak li jirriżulta mill-provi prodotti ġie effettwat minn PC 1378 Anthony Farrugia u PS1540 Edmond Fenech.

Illi PS1540 ighid illi hu ma kienx preżenti fil-mument tal-arrest. PC1378 Anthony Farrugia, minn naha tieghu jikkonferma li kien hu li arresta lill-appellant iżda li dan għamlu biss a bażi tal-allegazzjonijiet li kienu qedgħin isiru kontra tiegħu mill-vittma u minn raġel ieħor li wara ġie identifikat bħala l-*bouncer* tal-istabbiliment White Palace u li filfatt kien ħadilhom lill-appellant sabiex jiġi arrestat mill-pulizija. In oltre matul il-kontro-eżami tiegħu dan PC1378 jistqarr li hu qabad u mmanettja lill-appellant u ma talbu l-ebda partikularitajiet iżda jgħid li talabhomlu **wara** li

[12] Folio 23 tal-atti proċesswali.
[13] Folio 10 et seq tal-atti proċesswali.
[14] Folio 30 et seq tal-atti proċesswali.

mmanetjaħ fejn wieħed jifhem mill-mod kif saru l-mistoqsijiet lil dan ix-xhud in kontro-eżami, li l-appellant ma taħx il-partikularitajiet meta mitlub[15].

Illi tenut kont tal-fatt li skont kif ikkonfermat minn dawn ix-xhieda l-appellant kien fi stat ta' arrest malli ġie mmanettjat, huwa kellu jinghata t-twissija skont il-ligi fejn allura twieled il-jedd tieghu ghas-silenzju.

Issa ezaminati dawn il-fatti probatorji, l-ebda wahda mic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 338(c) ma tirrizulta lil din il-Qorti u dan ghaliex, kif inghad, ma jidhirx illi l-appellant gie mitlub jaghti xi taghrif jew partikularitajiet meta inqabad jikkometti xi reat jew f'xi irvell, jew hemm kbir. Huwa gie mitlub jaghmel dan mal-mument tal-arrest tieghu. Dan ifisser illi t-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta ippruvat mill-fattispecje tal-kaz u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tillibera lill-appellant mit-tielet imputazzjoni ta' natura kontravvenzjonali.

Ikkunsidrat

Illi jibqa' biss l-aggravju dwar il-piena li qed tintalab ir-riduzzjoni tagħha fid-dawl tal-fatt li l-appellant ghandu jitqies bhala *first time offender* apparti li dejjem wera affidabbilta' fl-osservanza tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

Meqjus dan kollu, skont kif jirriżulta minn ġurisprudenza nostrana l-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imposta mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx manifestament ċar li l-ewwel Qorti tkun applikat piena barra mill-parametri jew li din kienet wisq sproporzjonata meta meqjus l-aġir tal-ħati, hlief fejn il-Qorti ta' revizjoni tqies li ghandha izzomm quddiem ghajnejha b'mod ewlieni l-opportunita li l-ħati jirriforma ruħu jekk iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jimmeritaw[16].

Issa jidher li l-piena erogata taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi, anke jekk din il-Qorti ser tghaddi biex tillibera lill-appellant mit-tielet imputazzjoni billi din hija wahda ta' natura kontravvenzjonali u l-Ewwel Qorti ghaddiet biex applikat id-

[15] Folio 95 et seq tal-atti proċesswali. Ara partikolarment folio 100 u 101: *Dr. Azzopardi: F'xi ħin qabel ma għamiltlu l-manetti tlabtu ismu u kunjomu u ma weġbikx? Xhud: Wara. Dr. Azzopardi: Mhux wara, qabel ma mmanetjajtu, tlabtu ismu u kunjomu u ma tagħhomlokx? Xhud: Le ma tlabthomlux.*
[16] Ara Pulizija vs Joseph Attard deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri mill-Imħallef Patrick Vella nhar is-26 ta' Jannar 2001.

disposizzjonijiet tal-artikolu 17(b) u (d) tal-Kodici Kriminali meta giet biex teroga l-piena. Illi allura l-minimu tal-piena erogabbli hija dik ta' għaxar xhur priġunerija apparti multa mandatorja fid-dawl tal-ksur tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement jista' jingħad illi l-Ewwel Qorti imponiet piena li kienet vicin il-minimu tagħha.

Madanakollu, wara li rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ipprezentata fi stadju ta' revizjoni u tenut kont illi l-appellant ghandu allura jibqa' meqjus bhala *first time offender* kif sewwa jishaq fl-aggravvju minn intentat, din il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm il-*quantum* tal-piena ma ghandux jigi iddisturbat, madanakollu ghandu jigi applikat dak dispost fl-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u dan fil-massimu tieghu.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi illi tilqa' l-appell in parte, tghaddi ghalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, u ir-raba akkuzi, izda tirriformaha fejn din sabet htija ghat-tielet imputazzjoni u minflok tghaddi biex tillibera lill-appellant mill-istess. Tirriforma ukoll il-piena inflitta billi filwaqt li tikkonferma it-terminu ta' prigunerija ghal perijodu ta' tnax-il xahar, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna illi dan il-perijodu ta' prigunerija ghandu jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur